

It-tifqigħa tal-COVID-19

(Ir-Regolament (UE) 2021/267 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tal-persistenza tal-kriżi tal-COVID-19 rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet, il-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport u l-estensjoni ta' ċerti perjodi msemmija fir-Regolament (UE) 2020/698 ⁽¹⁾)

(2021/C 76 I/18)

Il-Portugall**Data tal-Infommazzjoni lill-Kummissjoni: 2.3.2021**

Il-Portugall iddeċieda, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/267 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ma għandux japplika d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- L-Artikolu 4(2) rigward it-tiġdid tal-kards tat-takografi skont ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 ⁽²⁾;
- L-Artikolu 4(3) rigward is-sostituzzjoni tal-kards tat-takografi skont ir-Regolament (UE) Nru 165/2014;
- L-Artikolu 5(1) rigward il-limiti ta' żmien għat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom skont id-Direttiva 2014/45/UE ⁽³⁾;
- L-Artikolu 5(2) rigward il-validità ta' ċertifikati tal-affidabbiltà stradali skont id-Direttiva 2014/45/UE.

⁽¹⁾ ĠU L 60, 22.2.2021, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).